**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Carmelo Bartolo**
**Spettur Mario Bonnici**
**v**

**JOSEPH CAMILLERI**

**Illum, 7 ta' Novembru, 2001.**

**II-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOSEPH CAMILLERI** ta' disgha w ghoxrin sena bin Paul u Tessie nee Caruana, imwieled Pieta nhar l-ewwel ta' Frar, 1972 u joqghod Block A, Flat 6, Triq Sant'Ursola, Valletta, detentur ta1-karta tal-identita numru 110672M gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar l-erbgha ta' Mejju, 2001, u matul x-xhur ta' qabel b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda :

1. Nhar t-tnejn ta' April, 2001 waqt li kien l-Hamrun ghall-habta tal-kwarta ta' wara nofsinhar, ikkommetta serq ta' oggetti tad-deheb mill-hanut bl-isem H. Vassallo and Sons Limited,

liema serq sar ghad-detriment tad-dirigenti tal-imsemmi hanut u li huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin,

2. Talli wkoll nhar l-ghaxra ta' April, 2001, waqt li kien f'Rahal Gdid f'xi hin bejn l-hdax ta' filghodu u l-hdax u nofs ta' filghodu kkommetta serq ta' diversi oggetti tad-deheb mill-hanut bl-isem C. Cassar Jewellery, liema serq sar ghad-detriment tad-dirigenti tal-imsemmi hanut u li huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccidix l-elf lira maltin;

3. Talli f'xi jum matul l-perjodu ta' bejn l-erbgha ta' Mejju, 2001 u t-tlett xhur ta' qabel din d-data, waqt li kien l-Fgura, ikkommetta serq ta' oggett tad-deheb mill-hanut bl-isem Onyx Jewellers, liema serq sar ghad-detriment tad-dirigenti tal-imsemmi hanut u li huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccidix l-elf lira maltin;

4. Talli f'xi jum matul l-perjodu ta' bejn l-erbgha ta' Mejju, 2001 u t-tlett xhur ta' qabel din d-data, waqt li kien l-Fgura, ikkommetta serq ta' oggett tad-deheb mill-hanut bl-isem P. Carabott Jewellery, liema serq sar ghad-detriment tad-

dirigenti tal-imsemmi hanut u li huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccidix l-elf lira maltin;

5. Talli f'xi jum matul l-perjodu ta' bejn l-erbgha ta' Mejju, 2001 u t-tlett xhur ta' qabel din d-data, waqt li kien Tas Sliema, ikkommetta serq ta' curkett tad-deheb mill-hanut bl-isem Solid Gold Jewellers, liema serq sar ghad-detriment tad-dirigenti tal-imsemmi hanut u li huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccidix l-elf lira maltin;

6. Talli nhar l-erbgha ta' Mejju, 2001 ghall-habta tan-nofs siegha ta' wara nofsinhar, waqt li kien Tas Sliema, ikkommetta serq ta' diversi oggetti tad-deheb mill-hanut bl-isem Christian's Jewellery, liema serq sar ghad-detriment tad-dirigenti tal-imsemmi hanut u li huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccidix l-elf lira maltin;

7. Talli nhar l-erbgha ta' Mejju, 2001 u matul ix-xhur ta' qabel din d-data, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif wkoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod iehor indahal sabiex jbieghom jew jmexxihom, liema

oggetti gejjin minn serq kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin.

8. Talli matul il-perjodu ta' bejn l-erbgha ta' Mejju, 2001 w ix-xhur ta' qabel din d-data, f'dawn il-Gzejjer, rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fl-atti fosthom l-artikoli tal-Avukat Generali mibghuta minnu stess nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Gunju, 2001 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat fis-seduta tal-hamsa ta' Novembru, 2001 jiddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lil imputat jirregistra ammissjoni fis-seduta ta' nhar il-hamsa ta' Novembru, 2001 u fuq tali ammissjoni il-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi fil-mori tal-gbir tal-provi il-Qorti kienet nnominat lil Probation Officer Miriam Falzon Sevasta sabiex thejji rapport dwar l-imputat.

Fid-disgha w ghoxrin ta' Ottubru, 2001 is-Senior Probation Officer Miriam Falzon Sevasta ppresentat r-relazzjoni taghha li giet mmarkata bhala dokument MFS u minn ezami ta' din r-relazzjoni jirrizulta li l-imputat ghandu *history* twila ta' droga. Jirrizulta wkoll li l-agenzija Sedqa ma kienux lest li jaccettawh biex jibda programm ta' disintossifikazzjoni peress li mill-*assessment* li ghamlulu rappresentanti tas-Sedqa, l-imputat ma deherx li kien motivat biex jibda dan il-programm. Jirrizulta wkoll li l-agenzija Caritas wkoll ma accettatx lil imputat biex jibda programm ta' disintossifikazzjoni ghar-ragunijiet maghrufa minnha biss.

Illi minn ezami tal-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa ilu b'din il-problema minn qabel Marzu, 1993, meta kien instab hati ta' pussess ta' eroina. F'dak iz-zmien l-imputat kien ghad ghandu biss wiehed u ghoxrin sena. Ghalhekk l-imputat jigi li ilu b'din il-problema mill-inqas ghal dawn l-ahhar tmin snin.

Jirrizulta wkoll minn ezami ta' din il-fedina penali tieghu li l-imputat diga gie sentenzjat diversi drabi u appuntu minn Marzu, 1981 sas-sbatax ta' Jannar, 2001 w instab hati sbatax il-darba. Jirrizulta miknn din il-fedina penali li huwa diga nghata cansijiet sabiex jirriforma ruhu kemm meta nghata ordnijiet ta' porobation, kemm meta gie kkundannat multi, kif wkoll meta nghata sentenzi sospizi.

Illi ghalhekk fic-cirkostanzi, ghalkemm l-imputat ammetta l-akkuzi w ikkopera bis-shih mal-Prosekuzzjoni, l-Qorti thoss li ghandha tinfliggi fuqu piena karcerarja sabiex twiddeb lil imputat li ma jistax ikompli jikser dufrejh mal-ligi u jahseb li mhux ser imur l-habs. Il-Qorti thoss li hija diga kienet hanina wisq mieghu f'diversi okkazzjonijiet.

**Il-Qorti, rat l-artikoli tal-ligi u appuntu l-artikolu 18, 261(c), 279, 49 u 50, 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddecidi billi tikkundanna lil imputat JOSEPH CAMILLERI piena komplessiva ta' sentejn u nofs prigunerija b'dan li z-zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-kaz, jigi mnaqqas mill-perjodu ta' prigunerija moghtija lilu llum permezz ta' din s-sentenza.**

**Oltre dan tordna li l-imputat jitpogga taht is-supervizjoni tas-Senior Probation Officer Miriam Falzon Sevasta ghal perjodu ta' tlett snin mill-lum, b'dan li s-Senior Probation Officer ghandha tirrelata lura lil din il-Qorti kull sitt xhur dwar l-andament tal-imputat. Il-probationer imputat ghandu jobbliga ruhu li jsegwi u jobdi l-ordnijiet moghtija lilu mill-istess Probation Officer Miriam Falzon Sevasta.**

**Il-Qorti taghmel r-rakkomandazzjoni taghha lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex jibghat lil imputat ghal programm ta' disintossifikazzjoni mal-agenzija SATU meta jkun il-waqt sabiex b'hekk l-istess Direttur ikun qed jghin lil imputat jehles darba ghal dejjem mill-vizzju mishut tad-droga li hu ghandu.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lis-Senior Probation Officer Miriam Falzon Sevasta.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**